**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 - IL-ĦAMIS L-4 TA' MARZU 2021**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' Zoom Meetings fil-17:05.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Deguara ma kienx qiegħed jattendi minħabba li n-natura tax-xogħol u l-impjieg tiegħu jistgħu jkunu f'konflitt mas-suġġett diskuss. Huwa ċċara però li ma kien hemm l-ebda konflitt ta' interess kif deskritt fil-liġi.

### 2. MOZZJONI BIEX IL-KUNSILL JITLOB ID-DEVOLUZZJONI TAL-ART FEJN IL-MITĦNA

2.1. Is-SE ta rendikont tal-komunikazzjoni dwar l-art ta' maġenb il-mitħna li l-Kunsill kien ilu jikkomunika biex jikseb l-art. Wara li kkomunika mal-ogħla awtoritajiet, kien infurmat mill-Awtorità tal-Artijiet li l-Kunsill kellu japplika għad-devoluzzjoni sabiex il-bord tal-artijiet jikkonsidra din it-talba.

2.2. Għal dan il-għan għalhekk huwa meħtieġ li jkun hemm żewġ proċessi, 1) applikazzjoni mad-DLG biex jawtorizza lill-Kunsill u 2) li ssir l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet li jrid ikollha magħha l-approvazzjoni tad-DLG. L-applikazzjoni tad-DLG trid tinkludi kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill, approvati u ffirmati, li fiha l-Kunsill ikun irrisolva li japplika għad-devoluzzjoni.

2.3. Huwa għalhekk tkellem mas-Sindku li mill-ewwel talbitu li jsejjaħ laqgħa b'urġenza f'data u ħin qrib li tkun ta' konvenjenza għall-akbar numru ta' membri.

2.4. Sadanittant huwa lesta d-dokumenti kollha neċessarji għall-applikazzjoni.

2.5. Imbagħad is-Sindku ressqet u qrat il-mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsillier Marlon Brincat.

2.6. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd li jixtieq jitkellem. Il-Kunsillier Abela staqsa jekk, fid-dawl tal-iskop ta' din l-art, jistax il-proġett l-ieħor ta' Triq tal-Labour jistax jinbidel f'xi skop ieħor. Is-Sindku wieġbet li l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar diġà għaddejja u dik se tiġi b'fondi mill-planning gain ta' terzi.

2.7. Ħadd aktar ma ntervjena u għalhekk is-Sindku talbet il-vot tal-membri kollha.

2.8. Il-Kunsillieri kollha qablu u għalhekk il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

2.9. Ir-riżoluzzjoni hija annessa f'A.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Kien hemm imbagħad pawsa qasira sakemm is-SE jipprepara l-minuti ta' din l-istess laqgħa. Dan sar sabiex il-proċess jitħaffef u, la darba l-laqgħa kienet pjuttost mgħaġġa allura kien possibli li jsir dan.

3.2. Kif is-SE lesta l-minuti, qara l-minuti.

3.3. Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni u ssekondat Maryanne Cuomo.

3.4. Il-Laqgħa ntemmet fil-17:22.

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMATA)*** | ***(IFFIRMAT)*** |
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# A

## Riżoluzzjoni biex issir talba għad-devoluzzjoni tal-art fejn il-mitħna tal-għaqba.

Approvata fil-laqgħa tal-Kunsill li saret il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021

Is-Sindku tipproponi,

Wara li l-Kunsill Lokali Naxxar ilu jiddiskuti u jipprova jikseb l-art ta' biswit il-Mitħna tal-Għaqba, u wara rakkomandazzjoni fl-1 ta' Marzu 2021 mill-Awtorità tal-Artijiet biex il-Kunsill japplika formalment għad-devoluzzjoni, il-Kunsill qiegħed b'dan japprova formalment li ssir it-talba għall-amministrazzjoni tal-imsemmija propjetà pubblika (devoluzzjoni) għall-iskopijiet li ġejjin:

1) Sabiex ikun hemm *buffer zone* adekwata mad-dawra tal-Mitħna, liema *buffer zone* għandha l-iskop li:
    a. Tipproteġi l-istruttura tal-mitħna li qed tiġi restawrata b'fondi Ewropej u lokali. Fil-preżent hemm il-ħamrija, materjal u kull tip ta' imbarazz li jintefa matul iż-żmien li litteralment imiss mal-mitħna.
    b. Issir rampa biex ikun hemm aċċessibilità aħjar għall-mitħna minħajr il-ħtieġa li jintuża platform lift. B'dan persuni bi problemi ta' mobilità jkunu aktar indipendenti.
2) Sabiex noffru spazzju għall-kwiet u ta' rilassament għall-pubbliku fin-natura, speċjalment lill-viżitaturi tal-mitħna u lill-eluf ta' żgħażagħ li jattendu l-iskejjel fil-viċin. Dan japplika l-aktar għall-istudenti tal-iskola Għolja, Giovanni Curmi, li jkollhom lezzjonijiet f'ħinijiet differenti.
3) Sabiex telimina l-possibiltà li l-art tintuża biex jintefa skart u imbarazz kif spiss kien qiegħed jiġri għal sena wara l-oħra.
4) Sabiex il-Kunsill joffri livell għola ta' kwalità lit-turist li eventwalment jiġi jżur il-mitħna.
5) Sabiex il-wirt kulturali jkun protett mhux biss strutturalment iżda wkoll viżwalment.

Tant il-Kunsill jemmen f'dan li diġà approva u kkommetta biex jixtri parti minn art li tmiss fuq in-naħa tax-xelluq tal-mitħna mingħand terzi (art privata). Dan propju għall-istess skopijiet imsemmija fuq.

Issekonda l-Kunsillier Marlon Brincat